



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.6.2023
SWD(2023) 195 final

DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI

Ir-rapport ta' twissija bikrija għal Malta

Li jakkumpanja d-dokument

Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni

li jidentifika l-Istati Membri li jinsabu f'riskju li ma jilħqux il-miri tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali u mill-imballaġġ sal-2025 u l-mira tat-tnaqqis tar-rimi f'landfills sal-2035

{COM(2023) 304 final} - {SWD(2023) 175 final} - {SWD(2023) 176 final} -
{SWD(2023) 180 final} - {SWD(2023) 181 final} - {SWD(2023) 182 final} -
{SWD(2023) 183 final} - {SWD(2023) 184 final} - {SWD(2023) 185 final} -
{SWD(2023) 186 final} - {SWD(2023) 187 final} - {SWD(2023) 188 final} -
{SWD(2023) 189 final} - {SWD(2023) 196 final} - {SWD(2023) 197 final} -
{SWD(2023) 198 final} - {SWD(2023) 199 final} - {SWD(2023) 200 final}

1. Introduzzjoni

Ir-rapport ta' twissija bikrija għandu l-għan li jassisti lill-Istati Membri f'riskju li ma jissodisfawx: (i) il-mira għall-2025 ta' 55 % għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tagħhom (din il-mira ġiet stabbilita fl-Artikolu 11(2)(c) tad-Direttiva 2008/98/KE); u (ii) il-mira għall-2025 ta' 65 % għar-riċiklaġġ tal-iskart mill-imballaġġ tagħhom (din il-mira ġiet stabbilita fl-Artikolu 6(1)(f) tad-Direttiva 1994/62/KE). Huwa jipprovdi wkoll aġġornament dwar kif se jrin l-Istati Membri fir-rigward tal-mira għall-2035 li ma jibagħtux aktar minn 10 % tal-iskart muniċipali tagħhom f'landfill (din il-mira ġiet stabbilita fl-Artikolu 5(5) tad-Direttiva 1999/31/KE).

Dan ir-rapport jibni fuq l-appoġġ preċedenti pprovdut mill-Kummissjoni biex tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mad-dritt tal-UE fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart muniċipali, inkluż meta jkun rilevanti l-ewwel Rapport ta' Twissija Bikrija tal-2018¹.

Il-valutazzjoni li fuqha jibbaża r-rapport ta' twissija bikrija identifikat 18-il Stat Membru f'riskju li ma jilhqax il-mira tal-2025 għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali, li 10 minnhom huma wkoll f'riskju li ma jilhqax il-mira tar-riċiklaġġ tal-2025 għall-iskart mill-imballaġġ kollu.

Din il-valutazzjoni hija bbażata fuq proċess kollaborattiv u trasparenti li jinvolvi lill-Istati Membri kkonċernati, lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent², u analiżi fil-fond tal-aktar żviluppi ta' politika reċenti fl-Istati Membri. Dan il-proċess involva wkoll konsultazzjoni estensiva mal-awtoritajiet tal-Istati Membri responsabbli għall-immaniġġar tal-iskart. L-azzjonijiet possibbli identifikati matul dan il-proċess huma bbażati fuq l-aħjar prattiki eżistenti u għandhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jilhqqu l-miri tal-2025, u bħala tali jiffukaw fuq miżuri ta' politika li jistgħu jittieħdu fi żmien qasir. Dawn l-azzjonijiet għandhom jitqiesu bħala komplementari għal daww rakkomandati fil-pjanijiet direzzjonali li tfasslu bħala parti mill-attivitajiet tal-promozzjoni tal-konformità preċedenti kif ukoll għal daww rakkomandati fir-Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali³.

2. Sejbiet ewlenin

Abbażi ta' analiżi tal-politiki eżistenti u ppjanati fil-qasam tal-immaniġġar tal-iskart, Malta titqies li hija f'riskju li ma tlaħħaqx: (i) il-mira għall-2025 ta' 55 % għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali tagħha; u (ii) il-mira għall-2025 li tirriċikla 65 % tal-iskart mill-imballaġġ tagħha. Hemm ukoll diskrepanza kbira bejn il-perċentwal tal-iskart muniċipali li bħalissa jintbagħat fil-landfills u l-mira għall-2035 li mhux aktar minn 10 % tal-iskart muniċipali għandu jintrema fil-landfills.

Fl-2020, ir-rata tar-riċiklaġġ tal-iskart muniċipali (inkluż il-kompostjar) irrapportata minn Malta lill-Eurostat kienet ta' 10,5 %, filwaqt li r-rata tar-rimi f'landfills kienet ta' 82,5 % (aktar minn tliet darbiet tal-medja tal-UE). Barra minn hekk, Malta għadha lura wkoll f'dak li għandu x'jaqsam ma': (i) il-mira tar-riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ kollu (li 40 % biss minnu jiġi riċiklat meta mqabbel ma' mira tal-UE ta' 65 %); u (ii) il-miri ta' riċiklaġġ għall-biċċa l-kbira tal-flussi tal-iskart mill-imballaġġ speċifiċi għall-materjal (bħall-plastik, il-metalli u l-ħġieġ). Ix-xejriet ġenerali tar-riċiklaġġ f'Malta huma wkoll ta' tħassib: ir-rata ta' riċiklaġġ għall-

¹ Fl-2018 inħareġ rapport ta' twissija bikrija għal Malta (SWD(2018) 421 final). B'kollox ġew ipprovduti 17-il rakkomandazzjoni. Skont l-awtoritajiet Maltin, sitta mir-rakkomandazzjonijiet tar-rapport huma meqjusin bħala implimentati, 10 bħala parzjalment implimentati, u waħda bħala mhux implimentata.

² L-EEA u l-ETC/CE (2022). Valutazzjoni ta' Twissija Bikrija Relatata mal-Miri tal-2025 għall-Iskart Muniċipali u l-Iskart mill-Imballaġġ (<https://www.eea.europa.eu/publications/country-profiles-early-warning-assessments>)

³ Il-Kummissjoni Ewropea (2022). Rieżami tal-Implimentazzjoni Ambjentali 2022. COM/2022/438 final. (https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/ALL/?uri=comnat%3ACOM_2022_0438_FIN)

iskart municiċipali naqset xi ftit f'dawn l-aħħar snin, u naqset bi 2,2 punti perċentwali bejn l-2016 u l-2020 minn 12,7 % għal 10,5 %. Ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ naqset ukoll, bi 3,4 punti perċentwali minn 37,1 % għal 33,7 % bejn l-2015 u l-2019; fl-2020, ir-rata ta' riċiklaġġ għall-iskart mill-imballaġġ kollu żdiedet għal 40 %. Il-perċentwal ta' skart municiċipali mibgħut fil-landfills żdied b'7,8 punti perċentwali bejn l-2016 u l-2020 minn 74,7 % għal 82,5 %.

Uħud mill-isfidi ewlenin fl-immaniġġar tal-iskart jinkludu:

- rati baxxi ta' qbid ta' skart riċiklabbli fis-sistema ta' ġbir separat (40 % għal riċiklabbli xotti u 34 % għall-bijoskart). L-attività turistica għolja f'Malta — madwar 2.5 miljun turist fis-sena — tippreżenta sfidi speċifiċi biex jiżdiedu r-rati ta' qbid;
- infrastruttura insuffiċjenti għar-riċiklaġġ tal-iskart minflok ir-rimi f'landfills (jiġifieri kapaċità insuffiċjenti ta' impjanti ta' separazzjoni għall-iskart miġbur separatament u għar-riċiklabbli xotti mħallta);
- l-użu limitat tal-kompost (jiġifieri l-kompost jintuża għall-ġestjoni tal-pajsaġġ u għar-rimedju tal-landfills minflok għar-riċiklaġġ għal skopijiet agrikoli).

Huwa rikonoxxut li dan l-aħħar ġew stabbiliti diversi azzjonijiet minn Malta biex titreġġa' lura s-sitwazzjoni attwali u biex jintlaħqu l-miri⁴. Madankollu, dan għadu ma rriżulta fl-ebda effett li jista' jitkejjel. Hemm bżonn ta' titjib sinifikanti biex il-prattiki Maltin tal-immaniġġar tal-iskart jinġiebu konformi mal-ġerarkija tal-iskart tal-UE.

3. Rakkomandazzjonijiet ewlenin

Fost il-miżuri meqjusin meħtieġa biex jappoġġaw l-isforzi li qed tagħmel Malta biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fl-immaniġġar tal-iskart, hemm tliet rakkomandazzjonijiet ewlenin elenkati hawn taħt.

1. L-ġħoti ta' appoġġ għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart municiċipali u sistemi ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ.
2. Aktar investiment fl-infrastruttura għall-ġbir separat, is-separazzjoni u r-riċiklaġġ.
3. L-implimentazzjoni ta' sistema ta' "ħallas skont kemm tarmi" kemm għan-negozji kif ukoll għall-unitajiet domestiċi.
4. L-iżgurar li l-kompost u d-diġestat mill-impjanti tat-trattament tal-bijoskart jintużaw għat-titjib u għall-fertilizzazzjoni tal-art.

It-tabella ta' hawn telenka għadd ta' azzjonijiet possibbli li jappoġġaw l-isforzi li qed tagħmel Malta biex ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fil-ġestjoni tal-iskart.

4. Prattiki tajbin

Il-miżuri li ġejjin implimentati minn Malta huma meqjusin bħala prattiki tajbin li jgħinu biex tittejjeb il-prestazzjoni tar-riċiklaġġ tagħha:

- Kampanji biex titqajjem kuxjenza dwar l-immaniġġar tajjeb tal-iskart — Saru diversi kampanji biex titqajjem kuxjenza fost il-pubbliku ġenerali dwar il-prevenzjoni tal-iskart, is-separazzjoni tas-sorsi, il-ġbir tal-iskart, u l-ġlieda kontra r-rimi tal-iskart. Dawn il-kampanji kienu jinkludu l-ħolqien ta' materjali għall-iskejjel u għall-istudenti bħall-komiks dwar l-immaniġġar tal-iskart (ara Ecohive kids⁵).

⁴ Malta bdiet tippjana u tikkummissjona diversi impjanti ta' trattament addizzjonali, u qed taħdem ukoll biex ittejjeb is-sistemi ta' ġbir għar-riċiklabbli xotti u l-bijoskart. Ecohive (<https://www.ecohive.com.mt/>).

⁵ <https://www.ecohive.com.mt/kids>.

- L-iżvilupp ta' infrastruttura integrata għall-immaniġġar tal-iskart – Malta żviluppat infrastruttura ġdida għall-immaniġġar tal-iskart b'mod integrat ħafna. Hija għamlet dan billi żiedet mal-kapaċità ta' trattament eżistenti u bniet kapaċità ta' trattament ġdida fjamanta għal attivitajiet bħall-inċinerazzjoni tal-iskart, l-irkupru tal-materjal, l-ipproċessar tal-bijoskart, eċċ. Dan l-approċċ se jagħmilha possibbli li jinkisbu ekonomiji ta' skala u sinerġiji sinifikanti għall-immaniġġar tal-iskart (ara l-proġett Ecohive⁶).

⁶ <https://www.ecohive.com.mt/#>

ĦARSA ĠENERALI LEJN L-AZZJONIJIET POSSIBBLI BIEX TITJIEB IL-PRESTAZZJONI

Governanza

- 1) L-identifikazzjoni b'mod ċar tal-awtoritajiet u l-entitajiet responsabbli (fil-livell nazzjonali, reġjonali u tal-operaturi tal-iskart) biex tintlaħaq il-mira ta' 55 % għall-preparazzjoni għal użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ tal-iskart municiċipali.
- 2) L-istabbiliment ta' objettivi jew indikaturi obbligatorji għall-ġbir tal-iskart separat fil-livell tal-korpi inkarigati mill-ġbir tal-iskart municiċipali (eż. il-municiċipalitajiet) sabiex timmonitorja, tinforza u tikseb rati oġhla ta' qbid. Dan jista' jiġi kkomplementat bi premji finanzjarji u penali marbuta mal-prestazzjoni li jiddependu fuq il-kisba tal-miri. Informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-municiċipalitajiet tista' ssir disponibbli wkoll għall-pubbliku ġenerali biex titqajjem kuxjenza (eż. billi tiġi ppubblikata fuq sit web).

Prevenzjoni

- 3) It-teħid ta' miżuri biex jiżdied l-użu mill-ġdid u tiġi pprevenuta l-ġenerazzjoni ta' skart municiċipali mhux riċiklabbli.
- 4) L-iżgurar ta' monitoraġġ xieraq tal-implimentazzjoni tal-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart, inkluż permezz ta' indikaturi u miri kwalitattivi jew kwantitattivi xierqa u riżorsi suffiċjenti għal dan il-monitoraġġ. Il-promozzjoni tal-koordinazzjoni bejn il-gvern ċentrali u l-gvern lokali biex jintlaħqu l-obiettivi tal-UE għall-prevenzjoni tal-iskart.

Ġbir separat

- 5) It-titjib tal-konvenjenza tas-sistemi ta' ġbir separat u l-hteġa li n-negozji jiġbru l-flussi tal-iskart tagħhom separatament biex jiżdiedu r-rati tal-qbid għar-riċiklabbli niexfa u l-bijoskart u jitnaqqas r-rimi f'landfill. Malta għandu jkollha l-għan li tirdoppja r-rata ta' qbid tagħha u li ttejjeb il-purità tal-frazzjonijiet tal-iskart tagħha. L-isfidi ppreżentati mit-turiżmu għall-ġbir separat għandhom jitqiesu wkoll kif xieraq.

Trattament tal-iskart

- 6) L-appoġġ għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid tal-iskart municiċipali u l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trattament tal-iskart li tiffoka fuq il-passi oġhla tal-ġerarkija tal-iskart. Il-bini ta' kapaċità tas-separazzjoni suffiċjenti u l-iżgurar li l-iskart separat ikun ta' kwalità għolja biżżejjed biex jiġi aċċettat mill-impjanti tar-riċiklaġġ. Dan se jiżgura li l-iskart separat minn qabel ikun iddestinat għar-riċiklaġġ u jnaqqas ir-rimi f'landfill u l-inċinerazzjoni; hija prevista estensjoni tal-impjanti tat-trattament.
- 7) Il-kompost u d-diġestat mill-impjanti tat-trattament tal-bijoskart għandhom jintużaw għat-titjib tal-art u bħala fertilizzant. Sabiex tiġi żgurata l-produzzjoni ta' kompost/diġestat ta' kwalità għolja madwar il-pajjiż, għandhom jiġu implimentati standards nazzjonali għall-kwalità tal-kompost/tad-diġestat permezz ta' sistema ta' mmaniġġar tal-kwalità. Sabiex tiġi żgurata l-aċċettabbiltà fost l-utenti ta' dan id-diġestat (bħall-komunità tal-biedja), il-partijiet rilevanti għandhom ikunu involuti fl-iżvilupp ta' dawn l-istandards.

Komunikazzjoni u sensibilizzazzjoni
8) Iż-żamma u t-tisħiħ tal-attivitajiet biex titqajjem kuxjenza dwar il-prevenzjoni tal-iskart, ir-rimi tal-iskart u l-ġbir separat (speċjalment f'oqsma relatati mat-turiżmu, bħal-lukandi u r-ristoranti). L-iżvilupp ta' sett ta' materjali ta' komunikazzjoni nazzjonali indirizzati lil gruppi fil-mira differenti (eż. l-unitajiet domestiċi, il-ġeneraturi tal-iskart kummerċjali, l-għalliema tal-iskejjel, u l-istudenti) għall-użu fil-livell lokali, b'messaġġi ċari u konsistenti. Dawn il-materjali għandhom jintużaw bħala parti minn aktivitajiet ta' sensibilizzazzjoni, f'fuljetti, fuq il-media soċjali, fuq l-internet, u f'faċilitajiet għall-iskart goff.
Responsabbiltà estiża tal-produtturi u strumenti ekonomiċi
9) L-istabbiliment ta' sistema ta' "ħallas skont kemm tarmi" kemm għan-negozji kif ukoll għall-unitajiet domestiċi biex jinkisbu rati ogħla ta' qbid għall-frazzjonijiet riċiklabbli u jitnaqqas l-iskart residwu. L-awtoritajiet lokali jistgħu jiġu appoġġati permezz ta' gwida dwar kif għandhom jiffasslu l-mekkaniżmi ta' inċentiv u dwar kif għandhom jiġu introdotti proġetti pilota u kif wieħed jista' jitgħallem minnhom.
10) L-implimentazzjoni ta' strumenti ekonomiċi (eż. iż-żieda tat-taxxi fuq ir-rimi f'landfills għal livell għoli biżżejjed u l-introduzzjoni ta' taxxa fuq l-inċinerazzjoni) biex jiġi inċentivat l-immaniġġar tal-iskart assoċjat mal-livelli ogħla tal-ġerarkija tal-iskart. Din se tgħin biex l-użu mill-ġdid, il-preparazzjoni għal użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ isiru ekonomikament attraenti, u titnaqqas id-dipendenza fuq ir-rimi f'landfills. L-inċentivi ekonomiċi għandhom ikunu kbar biżżejjed biex ikunu effettivi u jmxexxu l-immaniġġar tal-iskart 'il fuq fil-ġerarkija tal-iskart. It-taxxi fuq ir-rimi f'landfills li jiżdiedu maż-żmien f'korrelazzjoni ma' miri speċifiċi huma meqjusa bħala l-aktar effettivi.
11) Iż-żieda tal-isforzi biex jiġu stabbiliti sistemi ta' użu mill-ġdid għall-imballaġġ se ġġib benefiċċji ambjentali u se tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mal-miri tal-UE għar-riċiklaġġ tal-imballaġġ.